MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 788/2011

**Y&P Marketing (Malta Limited**
**(C – 25999)**

**vs**

**Avantgarde Holdings Limited**
**(C – 27163)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat it-12 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi pprestat servizz ta' kiri ta' krejn u servizzi relatati lis-socjeta` ntimata fuq inkarigu tal-istess socjeta` ntimata;

2. Illi dan is-servizz kien ghall-prezz ta' wiehed u ghoxrin elf, erba' mija u tlieta u sittin Ewro u wiehed u sittin centezmu, (€21,463.61);

3. Illi l-istess socjeta` ntimata accettat li thallas dan l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

4. Illi nonostante li s-socjeta` ntimata giet interpellata diversi drabi biex thallas u ripetutament wieghdet li ser taghmel dan, xorta baqghet inadempjenti;

Illi stante li s-socjeta` rikorrenti kienet ghalhekk kostretta tintavola din il-procedura, issottomettiet is-segwenti talbiet:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti tigi dikjarata li pprestat servizzi ta' kiri ta' krejn u servizzi relatati lis-socjeta` ntimata fuq inkarigu tal-istess socjeta` ntimata;

2. Illi s-socjeta` ntimata tigi dikjarata li ghandha allura thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, erba' mija u tlieta u sittin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€21,463.61), ghal dawn il-prestazzjonijiet;

3. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif indikati fl-istess rikors promotur;

Rat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li s-socjeta` ntimata giet debitament notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz relattiv ghas-smiegh tal-istess;

Rat in-nota tas-socjeta` ntimata datata t-12 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha ammettiet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-imsemmija nota t'ammissjoni tas-socjeta` ntimata, tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti pprestat is-servizzi minnha ndikati fir-rikors promotur lis-socjeta` ntimata;

2. Tiddikjara li l-istess socjeta` ntimata ghandha allura thallas l-ammont indikat fl-istess rikors promotur lis-socjeta` rikorrenti ghal dan il-kiri u servizzi provduti;

3. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata Avantgarde Holdings Limited biex thallas l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, erba' mija u tlieta u sittin Ewro u wiehed u sittin centezmu, (€21,463.61), lis-socjeta` rikorrenti Y&P Marketing (Malta) Limited, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kif indikati fl-istess talbiet tas-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur fuq indikat.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------